# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-23 ta' Mejju, 2018.**

**Rikors Numru 213/2018 SM**

**Dr. Herman Kresse (I.D. 83256 A) ghan-nom u in rappreżentanza ta' Dr. Kai Delitt bhala stralcjarju tas-socjeta` estera *Lomo Lorenz Mohr GmbH & Co. KG***

**vs.**

***Yuba International Trading Company Limited* (C – 32219)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat il-5 ta' Marzu, 2018, li permezz tieghu r-rikorrenti *nomine* sintetikament espona is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi s-socjeta` *Lomo Lorenz Mahr GmbH & Co. KG* otteniet titolu ezekuttiv favur taghha fil-konfront tas-socjeta` intimata, u dan, permezz ta' sentenza datata il-15 ta' Gunju, 2010, mill-Qorti Distrettwali ta' Fulda, fl-Istat ta' Hesse, il-Germanja, (ara foll 16);

1.2. Illi permezz tal-istess, l-istess socjeta` rikorrenti giet kanonizzata kreditrici tas-socjeta` intimata fl-ammont ta' erbgha u disghin elf u hames mija u sebgha u ghoxrin euro u hamsin centezmu, (€94,527.50), oltre l-imghax legali fuq l-istess;

1.3. Illi l-Avukat Kai Delitt gie hemm ukoll indikat bhala stralcjarju;

1.4. Illi s-sentenza estera fuq riferita ghandha tigi reza ezegwibbli f'Malta skont il-ligi *stante* li hi *res judicata*, u dan, *ai termini* tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 44/2001 tat-22 ta' Dicembru, 2000, u tal-artiklu 825A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 12);

1.5. Illi ghaldaqstant aderiet din il-qorti biex din:

1.5.1. Tiddikjara li s-sentenza estera fuq indikata tigi rikonoxxuta u dikjarata ezegwibbli ghall-effetti kollha tal-ligi ta' Malta, *ai termini* tal-ligijiet fuq indikati;

1.5.2. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata;

2. Rat id-digriet taghha datat is-7 ta' Marzu, 2018, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 41);

3. Semghet lix-xhud prodott;

4. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat:

5. Illi tenut kont li r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti ikkonferma t-talbiet tal-istess u pprezenta kopji awtentikati tas-sentenza estera in dizamina, tqis li l-istess ipprova t-talbiet tieghu skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi konsegwentement:

**DECIDE:**

6.1. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti *nomine*;

6.2. Tiddikjara li s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati tal-Qorti Distrettwali ta' Fulda, fl-Istat ta' Hesse, il-Germanja, hi rikonoxxuta u reza ezegwibbli f'Malta *ai termini* tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 44/2001 tat-22 ta' Dicembru, 2000, u tal-artiklu 825A tal-Kap 12;

6.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra s-socjeta` intimata.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**